



Brussell, 17 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12980/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonal:
2025/0282 (NLE)

UK 165
MI 666
ENT 170

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 499 annex
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unioni Ewropea fi īndan il-Kunitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unioni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 499 annex.

Mehmuż: COM(2025) 499 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.9.2025
COM(2025) 499 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

ABBOZZ

DEĊIŻJONI NRU .../2025 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT MILL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

ta' ...

li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Energijs Atomika¹ (il-“Ftehim dwar il-Ħruġ”), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor²,

Billi:

- (1) L-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-“Kumitat Konġunt”) jadotta deċiżjonijiet li jżidu atti tal-Unjoni li jkunu għadhom kif ġew adottati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor mal-Annessi rilevanti tal-Qafas ta' Windsor.
- (2) Skont l-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt huma vinkolanti għall-Unjoni u għar-Renju Unit. L-Unjoni u r-Renju Unit għandhom jimplimentaw tali deċiżjonijiet, li jkollhom l-istess effett legali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.
- (3) Filwaqt li l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2025/14 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 dwar l-approvażzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq li jiċċirkola fit-toroq pubbliċi u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020³ huwa applikabbli skont l-Artikolu 13(3) tal-Qafas ta' Windsor, il-bqija tad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament huma dispożizzjonijiet ta' att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor li jenħtieġ li jiżdied mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.

¹ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2020/sign.

² Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Energijs Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, ([ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87](#)).

³ ĠU L, 2025/14, 8.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/14/oj>.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2025/14 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq li jiċċirkola fit-toroq pubbliċi u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 għandu jiżdied mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor taħt il-punt 14 “Prodotti tal-kostruzzjoni, makkinarju, kejbils, tagħmir protettiv personali”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara d-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat Kongġunt

Il-Kopresidenti